

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant tinvoka ġħames aggravji.

1. L-ewwel aggravju, ibbażat fuq żnaturament tal-argumenti invokati fl-ewwel istanza kif ukoll fuq ksur tal-projbizzjoni li tiddeċiedi *ultra petita*.
2. It-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 26(5) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.
3. It-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni skont l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.
4. Ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.
5. Il-ħames aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

**Appell ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2016 minn José Luis Ruiz Molina mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2016 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-60/15, Ruiz Molina vs UASI**

(Kawża T-233/16 P)

(2016/C 243/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

**Appellant:** José Luis Ruiz Molina (San Juan de Alicante, Spanja) (rappreżentanti: N. Lhoëst u S. Michiels, avukati)

**Parti oħra fil-proċedura:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet**

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Marzu 2016 fil-Kawża F-60/15;
- tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż kollha taż-żewġ proċeduri.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka erba' aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbi għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tal-awtorità ta' *res judicata* marbuta mas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Bennett *et al.* vs UASI, F-102/09, EU:F:2011:138.
3. It-tielet aggravju bbażat fuq ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal-żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Specjalistici bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368) li implementat il-ftehim qafas dwar xogħol għal-żmien determinat konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 bejn l-organizzazzjoni interprofessionali bi skop ġenerali, kif ukoll prinċipji u standards stabbiliti sew fid-dritt internazzjonali soċċali dwar l-istabbiltà tal-impieg.
4. Ir-raba' aggravju bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata.